**13 ta' Mejju, 1946.**

**Imħallfin :**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

**Edgar Staines ne. *versus* Mary Milazzo**

**Alimenti — Familja — Żwieġ — Liġi Nazzjonali tal-Persuna Obligata.**

***F'kawżi ta' alimenti u fejn l-azzjoni tkun bażata fuq rapporti tal-familja u ta' żwieġ, il-liġi applikabbli hija l-liġi nazzjonali tal-persuna obligata.***

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur fil-kwalità tiegħu indikata, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremetta illi huwa għadda lill-konvenuta

pensjoni alimentarja, u ħallas lilha b'dana t-titolu komplessivament is-somma ta' £219. 17. 0; u li l-imsemmi Francesco Milazzo huwa affini tal-konvenuta, peress li huma missier żewġha Oreste Milazzo; u li dan l-aħħar il-konvenuta għamlet irkant u għalhekk għandha l-mezzi neċessarji biex tirrestitwilu l-imsemmijin alimenti; talab illi li-stess konvenuta tiġi kundannata tħallas lilu s-somma fuq imsemmia ta' £219. 17. 0 b'restituzzjoni ta' l-imsemmijin alimenti; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-8 ta' Novembru 1945, kontra l-istess konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-attur li biha rriduċa t-talba bi kwint (1/5) tas-somma, jiġifieri bi £43. 19. 5 korrispondenti għal fil. kuljum alimenti ta' bint il-konvenuta, b'manjiera illi t-talba baqgħet għas-somma ta' £175. 17. 7;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-21 ta' Frar 1946, fejn ċaħdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi fil-Kodiċi Taljan ma hemmx dispożizzjoni simili għal dik ta 'l-art. 24 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, u għalhekk l-azzjoni hija *inammissibili*, peress mhix kontemplata fil-Kodiċi Taljan u dan għaliex tant il-konvenuta kemm Francesco Milazzo huma sudditi taljani, u r-rapporti tal-familja huma regolati mill-Liġi Taljana;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata, u jiġi deċiż billi jiġu milqugħa t-talbet ta' l-attur bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota l-attur appellant li biha ċeda l-meritu tad-domanda, imma rriżerva l-kap ta' l-ispejjeż;

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni li ġiet definita mill-Ewwel Qorti, u li għandha tiġi eżaminata f'dan l-appell għall-fini tad-deċiżjoni tal-kap ta' l-ispejjeż, hija dik rigwardanti l-liġi li għandha tiggoverna l-konvenuta, li hija suddita taljana, peress li hija miżżewġa ma' taljan, u lil Francesco Milazzo, li huwa l-man-

danti ta' l-attur u li huwa anki sudditu taljan;

F'dan il-każ l-azzjoni hija kollha bażata fuq rapporti ta' familja u ta' żwieġ, peress illi in forza taż-żwieġ tal-konvenuta ma' *Oreste Milazzo hija assumiet ċerti drittijiet, anki di* fronti għal missieru, u għalhekk dana, skond il-liġi, kien obligat li jalimentaha permezz ta' l-attur, Kustodju tal-Proprjetà tal-Għadu. Dan id-dritt tagħha u l-obligu korrelativ ta' Françesco Milazzo joħroġ tant mill-liġi tagħna (art. 19 tal-Kodiċi Ċivili), kemm ukoll mill-art. 140 tal-Kodiċi Taljan; u għalhekk fuq dan ma hemmx kuntrast. Dan jibda preċisament minħabba l-bażi ta' din l-azzjoni, peress illi l-attur nomine jippretendi illi l-konvenuta qiegħda issa fi stat li tagħti lura dawk *l-alimenti lilha mħallsa, u dan skond l-art. 24 tal-Kodiċi* Ċivili Tagħna, mentri fil-Kodiċi Ċivili Taljan ma hemmx dispożizzjoni simili li tobliga f'ċerti każijiet lil min irċieva l-alimenti li jagħtihom lura, jekk ikun fi stat tajjeb;

Tikkunsidra;

Illi allura tiġi l-kwistjoni prospettata u riżoluta mill-Ewwel Qorti ta' liema liġi hija dik applikabili. Fuq kwistjoni simili ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Vol. VII, p. 619) illi hija applikabili l-liġi nazzjonali f'materja ta' alimenti kif ukoll l-istess Qorti in re "Biasini vs. Conte Stagno Navarra" fit-23 ta' Ġunju 1899 (Kollez. Vol. XVII-II-104) fejn dik il-Qorti rriteniet :— "Trattandosi di una obbligazione derivante dalla legge, quale è quella di alimentare i parenti e gli affini, essa è senza dubbio regolata dalla legge nazionale della persona obbligata". L-istess prinċipju ġie ribadit mill-istess Qorti in re "Farrugia vs. Mallia" fil-11 ta' Novembru 1884 (Kollez. Vol. X, p. 625), fejn hemm miġjub li "indipendentemente dal notare che la legge personale dei due coniugi Dimech maltesi li inseguiva pure all'estero, e specialmente per gli effetti del matrimonio contrattato pure in Malta.........." Din il-Qorti, fuq kwistjoni li toħroġ minn rapporti ta' familja, u ċjoè ta' paternità naturali, in re "P.L. Azzopardi ne. vs. P.L. Emle. Borg ne." fis-27 ta' Mejju 1907 (Kollez. Vol. XX, p. 28) ammettiet l-istess prinċipju tal-liġi personali taddebitur, liema prinċipju ġie anki ribadit fi kwistjon ta' għeru-

sija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta 'April 1913 in re "Testa vs. Marchesi" (Kollez. Vol. XXII-II-53). Din il-Qorti, in re "Palermo Navarra utrinque" fis-27 ta' Ottubru 1920 (Kollez. Vol. XXIV-I-576), irriteniet il-prinċipju ġa stabbilit qabel, anki minn dina l-Qorti, illi "come ritenne questa Corte nella causa "Biasini vs. Stagno Navarra", decisa il 17 gennaio 1900, l'obbligazione agli alimenti derivanti dalla legge è regolata dalla legge nazionale della persona obbligata. Nel caso sotto esame, come il convenuto ha allegato e le attrici non hanno contrastato, i contendenti sono sudditi italiani, e quindi la legge a loro applicabile nella presente lite è il Codice Civile Italiano";

Tikkunsidra;

Illi l-każ in kwistjoni huwa preċiżament bħal dak prospettat f'dawn is-sentenzi, u speċjalment dik imsemmija fl-aħħar tas-27 ta 'Ottubru 1920; u għalhekk tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti illi l-liġi applikabili hija dik nazzjonali tad-debitur. Il-każ ċitat mill-appellanti "Spiteri vs. Soler" kien jittratta kwistjoni oħra riferibili għal testment u għad-dispożizzjoni ta' effetti mobili in forza tas-suċċessjoni;

Tikkunsidra;

Illi fuq l-effetti li joħorġu miż-żwieġ huwa iżjed razzjonali li tiġi applikata l-liġi nazzjonali tad-debitur, preċiżament għaliex dan, fi kwalunkwe pajjiż li huwa jmur, ikun fl-intenzjoni tiegħu jrid jiġi regolat, fir-rapporti mal-familja tiegħu, skond il-liġi tal-pajjiż tiegħu, ċjoè l-liġi personali tiegħu. Ara wkoll Fiore, Diritto Internazionale Privato, p. 159, n. 108, fejn igħid illi "come principio generale noi stabiliamo che la legge nazionale dei coniugi deve regolare gli effetti civili del matrimonio";

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

'Tastjeni ruħha' milli tieħu konjizzjoni tal-meritu minħabba ċ-ċessjoni ta' dak l-appell; u

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur nomine fil-kap ta' l-ispejjeż, u għalhekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prima Awla tal-Qorti Ċivili fuq imsemmija f'dak il-kap; u in vista

raċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell ma jkunux taxxati, id-dritt tar-reġistru kontra l-attur appellant.